



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9307/23

EDUC 161
JEUN 86
SOC 314
EMPL 205

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar aktar passi biex ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku fl-edukazzjoni u t-taħriġ isir realtà

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu fis-16 ta' Mejju 2023.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar aktar passi biex ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku
fl-edukazzjoni u t-taħriġ isir realtà**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn politiku qawwi tiegħu biex iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni ssir realtà sal-2025, u JFAKKAR fl-isfond politiku kif deskritt fl-anness.

JISSOTTOLINJA li:

1. Il-Konvenzjoni tal-1997 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki dwar l-Edukazzjoni Għolja fir-Reġjun Ewropew (il-Konvenzjoni ta' Liżbona dwar ir-Rikonoxximent) u t-testi sussidjarji tagħha, żviluppata mill-Kunsill tal-Ewropa u mill-UNESCO, jipprovdu qafas legali għar-rikonoxximent ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u kwalifiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli li jagħtu aċċess għall-edukazzjoni għolja. Fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), l-Istati Membri impenjaw ruħhom favur il-Proċess ta' Copenhagen għal kooperazzjoni msaħħa li tippromwovi l-fiduċja reċiproka, it-trasparenza u r-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-kompetenzi.

2. Ibbażat fuq dan il-qafas legali, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2018 dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż¹ tiffissa objettivi ambizzjużi u ddefiniti b'mod ċar li l-Istati Membri jridu jilħqu sal-2025. B'mod partikolari, il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri:
- jistabbilixxu l-passi meħtieġa biex jiksbu rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment f'pajjiż barrani fil-livell tal-edukazzjoni għolja;
 - jagħmlu progress sostanzjali fir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-kwalifiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli li jagħti aċċess għall-edukazzjoni għolja u tal-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment f'pajjiż barrani fl-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli.
3. Id-definizzjonijiet ta' "rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifika" u tal-"eżiti ta' perjodu ta' apprendiment f'pajjiż barrani" kemm fil-livell tal-edukazzjoni għolja kif ukoll fil-livell tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli huma stabbiliti fl-anness għar-Rakkomandazzjoni tal-2018 u huma applikabbli bis-sħiħ għall-konklużjonijiet attwali tal-Kunsill.

¹ ĠU C 444, 10.12.2018, p. 1.

JIRRIKONOXXI LI:

1. Mhuwiex possibbli li tinkiseb Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (ŻEE) vera mingħajr ma jiġi rikonoxxut li r-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-kwalifiki u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment f'pajjiż barrani huwa wieħed mill-elementi kostitwenti fundamentali għat-trawwim tal-mobbiltà għat-tagħlim. Meta r-rikonoxximent ma jkunx awtomatiku, dan jista' jinvolvi piżijiet amministrattivi għall-istituzzjonijiet, għall-fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ kif ukoll għall-istudenti, li jaffettwaw l-aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ ekwi u ta' kwalità tul il-ħajja, u jfixklu l-mobbiltà u l-kisba ta' hili u kompetenzi trasversali meħtieġa għall-iżvilupp personali, ċiviku u professjonali kif ukoll għal impjegabbiltà mtejbja. Biex l-Unjoni Ewropea żżomm u ssaħħa il-vantaġġ kompetittiv tagħha, huwa imperattiv li jittieħed vantaġġ shi mill-potenzjal taż-ŻEE, sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet kollha ta' edukazzjoni u taħriġ madwar l-UE.
2. Il-miżuri biex titrawwem it-trasparenza, u b'hekk tissaħħa il-fiduċja, huma kruċjali għall-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-kwalifiki u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment f'pajjiż barrani fl-edukazzjoni għolja u fl-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli (inkluż kemm l-edukazzjoni ġenerali kif ukoll il-VET). L-implimentazzjoni b'suċċess tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tiddependi fuq l-aċċellerazzjoni kif ukoll fuq is-sostenn tal-progress li sar fiż-ŻEE u fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA) lejn trasparenza u fiduċja akbar.
3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea ħadmu flimkien b'suċċess biex jipprovdu sett ta' strumenti, u ttieħdu passi sinifikanti fil-Proċess ta' Bolonja biex l-Istati Membri jingħataw sett ta' għodod biex ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku jsir possibbiltà Prattika fl-edukazzjoni għolja. Dawn l-għodod jinkludu, fost l-oħrajn, l-Istandards u l-Linji Gwida għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (ESG), is-Suppliment tad-Diploma, ir-Reġistru Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Għolja (EQAR), is-sistema tal-edukazzjoni għolja fuq tliet ċikli u s-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS).

4. Ittieħdu wkoll passi importanti fil-qasam tal-VET, inkluż permezz tal-Proċess ta' Copenhagen u b'mod partikolari permezz tal-Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (EQAVET).
5. In-network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar ir-Rikonoxximent Akkademiku (NARICs) huwa ċentrali għall-implimentazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-kwalifiki fl-Ewropa, b'mod partikolari fl-edukazzjoni għolja, peress li n-NARICs jirrappreżentaw sors importanti ta' għarfien, informazzjoni u prattika tajba għall-atturi kollha li jittrattaw ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku.
6. Ftehimiet bilaterali, multilaterali u reġjonali dwar ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku fl-UE jistgħu jrawmu l-fiduċja u t-trasparenza, jappoġġaw ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku, u jipprovdu ispirazzjoni għal kooperazzjoni Ewropea usa' bil-ħsieb li tiġi implimentata r-Rakkomandazzjoni tal-2018.

JILQA' B'SODISFAZZJON ir-rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż tat-23 ta' Frar 2023² u JINNOTA, b'mod partikolari, li:

² COM(2023) 91 final.

1. Għalkemm ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-kwalifiki ma jfissirx ammissjoni awtomatika għal aktar studji, għad hemm sfidi relatati mad-distinzjoni bejn l-eliġibbiltà għall-applikazzjoni għal aktar studji (jiġifieri r-rikonoxximent) u l-ammissjoni għal kors jew programm speċifiku. Ir-rapport tal-Kummissjoni jgħid wkoll li, fil-livell istituzzjonali, jista' jkun hemm diversi raġunijiet għal dawn l-isfidi, inkluż li l-kunċett ta' rikonoxximent reċiproku awtomatiku spiss jinftehem ħażin u li r-rikonoxximent u l-ammissjoni spiss jiġu kkombinati, u xi drabi dan iwassal għal inkonsistenzi fit-tehdid tad-deċiżjonijiet. Meta jkun hemm nuqqas ta' approċċi konsistenti għar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku, ir-riżultat jista' jkun proċessi diversi u kumplessi li jistgħu jimminaw ir-rikonoxximent awtomatiku bla xkiel, ġust u trasparenti tal-kwalifiki.
2. Il-gwida mill-awtoritajiet nazzjonali u l-ġoti sistematiku ta' taħriġ u informazzjoni għadhom mhumieq mifruxa, parzjalment minħabba r-riżorsi nazzjonali limitati ddedikati għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku u n-NARICs. Barra minn hekk, ir-rapport tal-Kummissjoni jindika li l-monitoraġġ sistematiku tal-prattiki ta' rikonoxximent fl-edukazzjoni u t-taħriġ mhuwiegħ żviluppat biżżejjed.
3. Ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku jibqa' aktar avvanzat fl-edukazzjoni għolja milli fl-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli, inkluż il-VET, l-aktar minħabba l-qafas ipprovdut mill-ġhodod ta' Bolonja. Madankollu, dawn l-ġhodod mhumieq applikati b'mod uniformi, bħal fil-każ tal-użu tal-informazzjoni pprovduta mill-aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità rreġistrati fl-EQAR, u l-użu tas-Suppliment tad-Diploma, inkluż permezz tal-pjattaforma Europass.
4. Għad hemm diffikultajiet biex jinkiseb rikonoxximent reċiproku awtomatiku wara perjodi ta' apprendiment f'pajjiż barrani għall-istudenti fl-edukazzjoni għolja, parzjalment minħabba nuqqas ta' informazzjoni u użu limitat tal-Gwida għall-Utenti tal-ECTS tal-2015. L-ostakli amministrattivi u l-perċezzjonijiet varjati rigward il-kwalità fil-livell tal-fakultà jżidu aktar kumplikazzjonijiet. Filwaqt li fi ħdan il-programm Erasmus+, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja impenjaw ruħhom li jirrikonoxxu b'mod sħiħ u awtomatiku l-krediti miksuba matul perjodu ta' mobbiltà, ir-rikonoxximent għadu 'l bogħod milli jkun in-norma.

5. Għad fadal sfidi għar-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli, inkluż il-VET, li jagħtu aċċess għall-edukazzjoni għolja fl-Istat Membru fejn inħarġet il-kwalifika, għall-aċċess għall-edukazzjoni għolja fi Stat Membru ieħor. Hemm diversi raġunijiet għal dan, inkluż il-varjetà ta' Prattiki u atturi involuti u l-użu limitat li sar mill-għodod disponibbli.
6. Bl-istess mod, ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-eżiti ta' perjodu ta' apprendiment f'pajjiż barrani għall-istudenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli, inkluż il-VET, għadu sottożviluppat. Id-diversità tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-UE hija punt pożittiv iżda tista' tippreżenta sfida f'dan il-kuntest. Ir-rikonoxximent tal-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment f'pajjiż barrani huwa kwistjoni kumplessa minħabba, pereżempju, din id-diversità, il-varjazzjonijiet fil-proċeduri ta' rikonoxximent u n-nuqqas ta' oqfsa komuni fil-livell xieraq fl-Istati Membri.

JAQBEL LI:

1. Filwaqt li sar progress, in-nuqqas ta' rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-kwalifiki u tal-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment f'pajjiż barrani jkompli jfixkel il-mobbiltà għat-tagħlim fl-UE.
2. L-impetu biex jitpoġġa pedament sod għal rikonoxximent reċiproku awtomatiku fl-UE bbażat fuq il-fiduċja għadu b'saħħtu. Ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku jżid l-attrazzjoni tal-mobbiltà Ewropea għat-tagħlim, isaħħaħ l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u jippromwovi l-internazzjonalizzazzjoni tagħhom. Dan iwassal ukoll għal titjib fl-edukazzjoni u t-taħriġ, il-kisba ta' hili u kompetenzi trasversali, u għażliet aħjar fis-suq tax-xogħol. Il-perjodi ta' apprendiment f'pajjiż barrani għandhom il-potenzjal li jkunu pożittivi, esperjenzi li jbiddu l-ħajja għaż-żgħażagħ u jistgħu jwasslu għal aktar mobbiltà aktar tard fil-ħajja. Dawn jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kompetenzi ewlenin bħall-multilingwiżmu, iċ-ċittadinanza u l-ġarhien kulturali.
3. Huwa imperattiv li jsiru sforzi akbar mill-atturi rilevanti kollha biex titwettagħ ir-Rakkomandazzjoni tal-2018 u biex jiġu stabbiliti l-passi kollha meħtieġa sal-2025. L-aktar importanti, ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku jiddependi fuq kemm l-Istati Membri jaħdmu flimkien biex irawmu l-fiduċja reċiproka u t-trasparenza.

4. Il-bini u s-sostenn tal-fiduċja reċiproka u t-trasparenza għall-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku huma meħtieġa biex jibqgħu validi fil-futur l-elementi kostitwenti taż-ŻEE u l-UE bħala attur globali fl-edukazzjoni u t-taħriġ. L-inizjattivi taż-ŻEE, bħall-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej, jistgħu jkunu muturi importanti għar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku u jeħtieġu perspettiva olistika.
5. Il-fiduċja u t-trasparenza fost is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ huma komponenti ewlenin biex jiġi żgurat ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku. Għalhekk, l-isforzi biex tinbena kultura ta' fiduċja u trasparenza b'rabta mar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku għandhom jiżdiedu fil-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet, bir-rispett dovut għas-sussidjarjetà. L-assigurazzjoni tal-kwalità għandha rwol ewlieni fl-aċċellerar tal-bini tal-fiduċja billi tenfasizza l-metodi u ttejjeb it-trasparenza. It-tkomplija tal-ħidma importanti li diġà twettqet fil-kuntest tal-Proċess ta' Bolonja u l-UE, inkluż il-Proċess ta' Copenhagen, hija għalhekk fundamentali għal proċeduri ta' rikonoxximent ibbażati fuq il-fiduċja. Għal raġunijiet ta' trasparenza, raġunijiet ċari għal deċiżjonijiet ta' rikonoxximent negattivi kif ukoll il-possibbiltà li tali deċiżjonijiet jiġu appellati fis-sistemi rispettivi tal-Istati Membri jistgħu jkunu importanti għall-individwi u għat-trawwim tal-fiduċja fis-sistema ta' rikonoxximent.
6. L-għodod u l-inizjattivi tal-UE għandhom rwol ewlieni fl-iżvilupp ta' aktar trasparenza u fl-awtomatizzazzjoni tal-proċeduri ta' rikonoxximent b'mod ġenerali. Dawn jinkludu l-programm Erasmus+ u l-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK), li jgħinu biex jittejjbu t-trasparenza, il-komparabbiltà u l-portabbiltà tal-kwalifiki. F'dan ir-rigward, huwa importanti li l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki jinżammu aġġornati fir-rigward tal-QEK.

7. Huwa importanti li ssir enfasi fuq il-proċessi ta' diġitalizzazzjoni u l-użu ta' għodod diġitali³ li jippermettu verifika aktar faċli tal-awtentiċità tal-kwalifiki filwaqt li jippermettu prevenzjoni effiċjenti tal-frodi, kif ukoll fuq l-għodod żviluppati fl-ambitu tal-programm Erasmus+. Flimkien mas-Supplimenti għad-Diploma u l-bażi tad-data Q-Entry, dawn l-għodod jistgħu jżidu l-valur billi jnaqqsu l-ispejjeż u l-piż amministrattiv.
8. Minbarra li jittieħed vantaġġ sħiħ mill-għodod disponibbli, huwa essenzjali li titrawwem, tiġi sostnuta u żviluppata aktar il-fiduċja fost il-persunal involut fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet kif ukoll li l-persunal jingħata t-taħriġ rilevanti sabiex ikollu l-għarfien u l-fehim meħtieġa tal-għodod u l-oqfsa rilevanti għar-rikonoxximent, u l-ħiliet biex jużahom b'mod xieraq. Meta jitqies li d-deċiżjonijiet spiss jittieħdu f'livell istituzzjonali jew lokali, l-iżvilupp tar-relazzjonijiet bejn l-għalliema, il-ħarrieġa, l-istudenti, il-mexxejja u l-amministraturi jista' jkollu rwol ewlieni biex ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku jsir possibbli fil-prattika. L-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni individwali fi proġetti ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali u l-mobbiltà għall-partijiet ikkonċernati, bħall-għalliema, il-ħarrieġa u l-mexxejja, jista' jkollu rwol pożittiv fit-tisħiħ tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku.

³ Bħall-Kredenzjali Diġitali Ewropej għall-Apprendiment, l-Infrastruttura Ewropea tas-Servizzi tal-Blockchain, il-mudell Europass-Mobbiltà u s-Suppliment tal-Europass għaċ-Ċertifikat (bħala parti mill-pjattaforma tal-Europass), kif ukoll reġistri nazzjonali tal-kwalifiki mmappjati fuq il-pjattaforma tal-Europass, u l-Bażi tad-Data tar-Riżultati tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità Esterna (DEQAR).

9. L-awtonomija tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, kif ukoll tal-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli skont il-kuntest nazzjonali, hija fundamentali għall-ħolqien ta' ŻEE li tirnexxi. Fl-istess ħin, il-konsistenza fl-approċċi nazzjonali għar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku skont ir-Rakkomandazzjoni tal-2018 u l-monitoraġġ tar-rikonoxximent fil-livell nazzjonali jnaqqsu l-kumplessità u d-diverġenza bla bżonn fl-approċċi. Dan jista' jtejjeb il-prevedibbiltà filwaqt li jnaqqas il-piż amministrattiv u finanzjarju għall-awtoritajiet u l-istudenti. L-involviment tal-atturi rilevanti kollha, bħall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, in-NARICs, l-aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità u l-Punti ta' Koordinazzjoni Nazzjonali tal-QEK, jista' jkollu rwol essenzjali f'dawn l-isforzi, inkluż fit-taħriġ, l-għoti ta' informazzjoni, il-monitoraġġ u l-iżvilupp ta' gwida nazzjonali. F'dan il-kuntest, l-apprendiment bejn il-pari jista' jkollu rwol importanti fit-tixrid tal-aħjar Prattika, kemm fl-edukazzjoni għolja kif ukoll fl-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli, biex jikkontribwixxi għal approċċi nazzjonali aktar konsistenti fl-Istati Membri kollha.
10. Il-ħidma relatata mal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tista' tispira u tiffaċilita l-progress fir-rigward tar-rikonoxximent tal-kwalifiki miksuba barra mill-UE, f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali. F'konformità mal-għodod u l-qafas tal-Proċess ta' Bolonja u tal-UE, għandu jittieħed vantaġġ sħiħ mill-Konvenzjoni Globali tal-UNESCO dwar ir-Rikonoxximent tal-Kwalifiki li jikkonċernaw l-Edukazzjoni Għolja, peress li tiffaċilita l-mobbiltà internazzjonali tal-istudenti, tpoġġi l-iżvilupp ta' kwistjonijiet ta' rikonoxximent f'kuntest globali u b'hekk tiftaħ il-potenzjal għall-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja Ewropea.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, b'kont debitu meħud tal-awtonomija istituzzjonali u l-libertà akkademika u skont iċ-ċirkostanzi u l-leġislazzjoni nazzjonali, biex:

1. Jikkonsolidaw u jsaħħu l-isforzi tagħhom biex jiksbu r-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-kwalifiki u tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż fis-sistemi edukattivi u ta' taħriġ rispettivi tagħhom, skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2018.
2. Jistabbilixxu l-mentalità li kwalifika li tagħti aċċess għal ċertu livell ta' edukazzjoni għolja fl-Istat Membru fejn tkun ingħatat hija awtomatikament rikonoxxuta għall-eliġibbiltà għal aċċess għal edukazzjoni għolja fl-istess livell fi Stat Membru ieħor, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja li tistabbilixxi kriterji speċifiċi tal-ammissjoni għal programmi speċifiċi, sabiex iċ-ċittadini jistgħu jkunu mobbli fl-UE kollha.
3. Jappoġġaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-applikazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2018, inkluż billi jipprovdu gwida ċara u taħriġ rilevanti. Fejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jkunu responsabbli għar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku, jappoġġawhom fl-iffaċilitar ta' approċċi nazzjonali konsistenti.
4. Jiżguraw li l-assigurazzjoni tal-kwalità esterna fl-edukazzjoni għolja titwettaq minn aġenziji indipendenti tal-assigurazzjoni tal-kwalità rreġistrati mal-EQAR u li joperaw skont l-Istandards u l-Linji Gwida Ewropej (ESG), biex jippromwovu t-trasparenza u b'hekk irawmu l-fiduċja reċiproka fir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku.
5. Fil-kuntest tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli, inkluż il-VET, jiffokaw fuq l-eżiti tal-apprendiment u jkomplu jiżviluppaw l-istrumenti eżistenti tal-assigurazzjoni tal-kwalità f'konformità mal-EQAVET, biex jippermettu r-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-kwalifiki u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż.

6. Irawmu sinerġiji fi ħdan l-EHEA u l-EEA biex jiżguraw li dawn isaħħu lil xulxin b'mod reċiproku, sabiex jippromwovu ambjenti trasparenti u effiċjenti għall-proċessi tar-rikonossiment reċiproku awtomatiku.
7. F'dan il-kuntest, jiżguraw li jittieħed vantaġġ sħiħ mill-ġhodod tal-Proċess ta' Bolonja u tal-UE, kif xieraq, biex jiffaċilitaw ir-rikonossiment reċiproku awtomatiku fl-edukazzjoni għolja. Fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, jiffaċilitaw ir-rikonossiment reċiproku awtomatiku fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-2018 bl-użu tal-istrumenti tal-Proċess ta' Copenhagen, kif xieraq. Dawn l-ġhodod jinkludu l-ECTS, l-ESG, id-DEQAR, il-QEK, il-bażi tad-data Q-Entry, il-Kredenzjali Diġitali Ewropej għall-Apprendiment, il-Mudell ta' Apprendiment Ewropew, l-Europass, is-Suppliment tad-Diploma, il-Karta Erasmus għall-Edukazzjoni Għolja (ECHE), is-Suppliment Europass-Mobbiltà, is-Suppliment tal-Europass għaċ-Ċertifikat u l-Inizjattiva tal-Kard Ewropea tal-Istudenti, iżda mhumiex limitati għal dawn, u jinkludu wkoll ġhodod oħra żviluppati bl-appoġġ tal-programm Erasmus+ u dawk li joriġinaw mill-Proċess ta' Bolonja.
8. Jikkooperaw fil-livell tal-UE biex jiskambjaw l-aħjar prattiki u jappoġġaw l-apprendiment bejn il-pari u l-iskambju ta' informazzjoni sabiex jiżdiedu l-fiduċja u t-trasparenza fost is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u jissaħħaħ ir-rikonossiment reċiproku awtomatiku fl-edukazzjoni għolja, inkluż permezz tal-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, kif ukoll fl-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli, inkluż permezz taċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali.
9. Jappoġġaw il-promozzjoni u t-tixrid ta' informazzjoni rilevanti dwar il-proċeduri ta' rikonossiment reċiproku awtomatiku lill-atturi u lill-partijiet ikkonċernati kollha rilevanti, eż. l-istudenti, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli, inkluż il-fornituri tal-VET, in-NARICs u l-aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità. Dan ser jippermetti liċ-ċittadini u lill-istudenti jifhmu l-possibiltajiet li r-rikonossiment reċiproku awtomatiku jagħtihom biex jistudjaw barra minn pajjiżhom, u jappoġġa approċċ konsistenti mill-awtoritajiet kompetenti ta' rikonossiment.

10. Jikkunsidraw, f'dan il-kuntest, ir-rikonoxximent tal-apprendiment preċedenti u l-permeabbiltà bejn is-setturi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, b'mod partikolari l-promozzjoni ta' trasferimenti fost u bejn il-VET u l-edukazzjoni għolja, jekk applikabbli u b'kont meħud tal-livelli ta' edukazzjoni, biex jiġi evitat l-imblukkar u jkun aktar faċli li jittieħed vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet ta' mobbiltà.
11. Jappoġġaw aktar lin-NARICs u jesploraw modi xierqa biex itejbu s-sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tas-sistemi ta' rikonoxximent, bl-użu tal-għarfien espert tan-NARICs u korpi u istituzzjonijiet kompetenti oħra fejn ikun rilevanti, sabiex jaraw jekk hemmx ħtieġa ta' aktar azzjoni.
12. Iħeġġu l-kooperazzjoni bejn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet dwar ir-rikonoxximent u n-NARICs biex jiġu evitati l-inkonsistenzi, u biex ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku jsir aktar effettiv u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi kif ukoll biex l-għodod u l-istrumenti stabbiliti jiġu applikati b'mod korrett. Għal dak l-għan, l-awtoevalwazzjoni u l-evalwazzjoni bejn il-pari tan-NARICs f'konformità mas-sistema volontarja tal-assigurazzjoni tal-kwalità tan-networks ENIC-NARIC jistgħu jkunu utli.
13. Jinvolvu ruħhom f'kooperazzjoni transfruntiera ġeneruża, ta' benefiċċju reċiproku u bbażata fuq il-fiduċja biex itejbu u jappoġġaw l-opportunitajiet ta' mobbiltà, b'mod partikolari perjodi fit-tul ta' apprendiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli barra mill-pajjiż. Għandhom isiru aktar sforzi biex jiġu ffaċilitati l-iskambji bejn il-membri tal-persunal, l-istituzzjonijiet, l-awtoritajiet, u atturi rilevanti oħra. F'dan il-kuntest, għandu jsir aktar użu mill-programm Erasmus+ u minn fondi u programmi rilevanti oħra tal-UE għal kooperazzjoni u skambji msaħħa.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI biex, bir-rispett dovut għas-sussidjarjetà u ċ-ċirkostanzi nazzjonali, inkluż l-awtonomija istituzzjonali:

1. Tappoġġa u taħdem mal-Istati Membri, inkluż fil-kuntest tal-Proċess ta' Bolonja u l-Proċess ta' Copenhagen, billi tippromwovi l-kooperazzjoni u l-apprendiment reċiproku dwar l-aħjar modi biex jiġi implimentat ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku fl-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli, inkluż il-VET, b'mod partikolari f'dawk l-oqsma fejn għad fadal l-isfidi, inkluż appoġġ immirat lill-atturi u l-partijiet ikkonċernati fejn ikun rilevanti.
2. Tikkunsidra, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, modi kif jissaħħaħ l-appoġġ lill-Istati Membri biex isir progress fl-implimentazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-kwalifiki u tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż fl-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli. L-oġettiv għandu jkun il-promozzjoni tal-aħjar prattiki u l-faċilitazzjoni tal-għoti ta' taħriġ u appoġġ bejn il-pari lill-Istati Membri u lill-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż l-għalliema u l-ħarrieġa meta jkun xieraq. Appoġġ bħal dan għandu jibbaża fuq l-għarfien espert tan-network tan-NARICs u jinvolvi aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità u korpi u istituzzjonijiet kompetenti oħra meta jkun rilevanti. F'dan il-kuntest, tesplora kif l-għarfien espert tan-NARICs jista' jintuża biex jiġi promoss ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku fl-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli, fl-edukazzjoni ġenerali kif ukoll fil-VET, fejn dan ikun rilevanti.

3. Tkompli tappoġġa lill-Istati Membri, inkluż in-NARICs, permezz tal-programm Erasmus+, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u programmi u strumenti oħra ta' finanzjament tal-UE bil-ħsieb li tiġi avvanzata l-ħidma fuq ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku. Barra minn hekk, tappoġġa lill-Istati Membri fl-użu tagħhom tal-ġhodod eżistenti biex jiżviluppaw aktar ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku fl-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli, kif ukoll fl-iżvilupp ta' kanali komuni għall-informazzjoni u l-iskambji tal-aħjar prattika.
4. Tkompli tappoġġa l-proċess ta' evalwazzjoni bejn il-pari tal-EQAVET fil-livell tas-sistema tal-VET bil-ħsieb li jissaħħu l-fiduċja u t-trasparenza u b'hekk jitrawwem ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku bejn l-Istati Membri.
5. Tiegħu approċċ olistiku fl-appoġġ lill-Istati Membri għall-kisba ta' rikonoxximent reċiproku awtomatiku fl-edukazzjoni għolja u fl-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli billi tikkunsidra kif l-inizjattivi strateġiċi futuri taż-ŻEE li għandhom jiġu proposti sal-2025 jistgħu jappoġġaw, f'koerenza mal-ġhodod, l-istrutturi u l-oqfsa eżistenti, il-kisba tal-miri mogħtija fir-Rakkomandazzjoni tas-26 ta' Novembru 2018, u speċjalment kif dawn l-inizjattivi jistgħu jintużaw biex jippromwovu l-fiduċja u t-trasparenza.

Kuntest politiku

1. Riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2002 dwar il-promozzjoni ta' kooperazzjoni Ewropea msaħħa fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, ĠU C 13, 18.1.2003, p. 2.
2. Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2017 (EUCO 19/1/17 REV 1).
3. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2018 dwar il-promozzjoni tar-rikonossiment reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż, ĠU C 444, 10.12.2018, p. 1.
4. Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ulterjuri taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni biex jiġu appoġġati sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ orjentati lejn il-futur, ĠU C 389, 18.11.2019, p. 1.
5. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza, ĠU C 417, 2.12.2020, p. 1.
6. Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030), ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1.
7. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2022 dwar il-bini ta' konnessjonijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja, ĠU C 160, 13.4.2022, p. 1.
8. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġija Ewropea li ssaħħaħ l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għall-futur tal-Ewropa, ĠU C 167, 21.4.2022, p. 9.